MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2715/1996/1

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta’ Settembru 1996 a fol. 1 tal-process bin-numru 2715/96/VDG fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fl-4 ta’ Dicembru 1983 fil-Knisja tal-Kuncizzjoni, Hamrun kif jidher mill-anness certifikat ta-zwieg Dok. “A”;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha *oltre*

anomalija psikologika serja *da parte* tal-konvenut ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici kien inkiseb ukoll minhabba biza' u bl-eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attrici talbet li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Dicembru 1983 huwa null u bla effett legali;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 9 ta' Frar 1998 il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-24 ta' Marzu 1998.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 24 ta' Marzu 1998, fejn il-konvenut ta ruhu b' notifikat bic-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 13 ta' April 1998, a fol. 11 tal-process fejn ecipixxa bir-rispett:

1. Illi l-esponent jaqbel illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null u dan ghar-ragunijiet premessi mill-attrici fic-citazzjoni taghha;

2. Illi *in oltre,* anke l-esponent izzewweg lill-attrici sempliciment sabiex jevita illi l-attrici tikommetti abort tat-tarbija kif kienu qed jippressawha taghmel il-udituri taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda, datata 13 ta' April 1998, a fol. 11 u fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 14 ta' Mejju 1998 fejn giet nominata Dr. Fiorella Demarco bhala espert legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 29 ta' Ottubru 1998, 12 ta' April 1999, 2 ta' Lulju 1999, 20 ta' Jannar 2000 u 1 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru 2000, fejn il-Qorti ssollecitat lill-Perit Legali biex tikkonkludi l-inkarigu taghha.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datati 18 ta' Gunju 2001 u 26 ta' Novembru 2001, fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat l-avviz tal-Qorti hekk diversament presjeduta datat 22 ta' April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-23 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003 fejn l-Perit Legali Dr. Fiorella Demarco nfurmat lill-Qorti li kienet waslet biex tikkonkludi r-rapport u Dr Greta Mifsud Agius rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenut.

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali tiffissa 3 seduti ghall-provi kollha li kien fadal tal-partijiet sa l-ahhar ta' Marzu 2003 u wara tali seduti l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali fis-27 ta' Mejju 1998 fejn xehdet l-attrici **"A"**, fit-8 ta' Gunju 1998 fejn kompliet tixhed l-attrici, fit-18 ta' Gunju 1998 fejn ma sar xejn, fis-7 ta' Lulju 1998, fit-30 ta' Lulju 1998, fit-22 ta' April 1999 fejn dejjem xehdet l-attrici, fl-20 ta' Mejju 1999 fejn ma sar xejn, fil-15 ta' Lulju 1999 fejn regghet xehdet l-attrici u fil-31 ta' Jannar 2003 fejn xehed **Dr. "C"**.

Rat l-affidavit tal-konvenut **"B"** minn fol. 40 sa fol. 45 datat 20 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 28 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Fiorella Demarco nfurmat lill-Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003, fejn il-kawza giet differita ghall-hlas u ghall-konferma tar-rapport.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** datata 3 ta' Novembru 2003, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu datat 24 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 2 ta' Dicembru 2003 a fol. 75 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' Jannar 2004 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi.

Rat il-verbal datat 1 ta' Gunju 2004 fejn il-Perit Legali Dr. Fiorella Demarco halfet ir-rapport. Dr. Paul Borg Olivier ghall-attrici irrimetta ruhu ghar-rapport u l-kawza giet diferita ghall-ezami tar-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Fiorella deMarco minn fol. 87 sa fol. 115 tal-process pprezentat fid-19 ta' Frar 2004 u mahluf fl-1 ta' Gunju 2004 a fol. 87 sa fol. 113 tal-process.

Rat il-verbali datati 11 ta' Novembru 2004 u 28 ta' April 2005, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal datat 8 ta' Novembru 2005 fejn il-konvenut nforma lill-Qorti li mhux assistit u rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-azzjoni attrici qed issir abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jitkellem dwar meta nullita’ taz-zwieg meta *“l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza”.* Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** imbaghad jghid li z-zwieg ikun null *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.* Illi fl-ahharnett l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jirreferi ghal kaz’ ta’ nullita’ taz-zwieg *“meta l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*
Illi fir-rigward ta’ l-**artikolu 19 (1) (a)** jinghad li bi vjolenza sew fizika, sew morali, jew biza, il-legislatur qed jirreferi ghal sitwazzjoni fejn il-kunsens li ghandu jinghata f’mod liberu ma jinghatax hekk minhabba l-pressjoni ezercitata minn element barrani li jaffettwa l-agir ta’ dak li ghandu jghati l-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

Illi filwaqt li t-tifsira ta’ vjolenza fizika hija llum stabilita, dik ta’ vjolenza morali tista’ taghti lok ghall-interpretazzjoni. ***Finocchiero*** jargumenta dal-punt billi jghid li r-rekwiziti li applikaw ghall-ligi ta’ kuntratt fil-Kodici Civili japplikaw ukoll hawn hekk.

Illi l-**artikolu 974 tal-Kodici Civili** jghid li *“jekk il-kunsens ikun moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b’ ghemil*

*doluz, ma jkunx jiswa".* L-**artikolu 978** jghid *"il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u geghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b' xejn f' perikolu ta' hsara kbira"* u *"F' dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna".*
Illi l-legislatur taghna kien influwenzat mill-Ligi Kanonika fejn huwa necessarju li t-theddida tkun gravi, jew fiha inifisha, jew imqar soggettivament. Gurisprudenza Rotali kontinwament tqis il-kondizzjoni tal-vittma, partikolarment jekk hija persuna dghajfa. *Inoltre,* it-theddida ghandha tkun wahda reali fejn il-bniedem li qed jhedded probabbilment iwettaq dik it-theddidha minhabba l-poter jew awtorita' li jippossjedi.

Illi l-biza' tista' tkun tali li twaqqaf l-uzu tar-raguni izda kem-il darba hija bizzejjed biex tinfluenza bniedem b'mod li ma jibqax jibqax f' mod liberu u jispicca biex jaghzel li jaghmel dak li kieku ma kienx ser jaghmel. Il-fatt li l-kunsens ma kienx wiehed liberu minhabba f' hekk, huwa bizzejjed ghall-**artikolu 19 (1) (a).**
Illi fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) 15 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat illi *"biex pressjoni indipendentement min konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibbli, cioe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Illi l-kuncett ta' biza', il-gurisprudenza nostrana stabbilit illi l-elementi essenzjali ghal biza' huma tlieta, u cioe', *"fl-ewwel lok trid tkun gravi, fit-tieni lok, il-persuna qed jezercitaha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."* (**"Joseph D' Ugo vs Rita D' Ugo" –** P.A. (FDP) 20 ta' Gunju 1994).

Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet*

*essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' discrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini,*** d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti: *"ha piena avvertenza e il dehiberato consenso…. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva .... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale*** **(Torino, 1994), p. 97).**

Illi l-istess awtur ikompli jispjega *"e necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il future. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimentri ben pochi sarebbero in grado di emettare un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si*

*presume che essi siano in possesso delta debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."... ... ... se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti ineriori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, I nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cio' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell altra parte sia nei rigwardi deall parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Era Tradizione e Rinnovamento** (Bologna. 1991) pp. 231. 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li *"the discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686.**

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghal anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrikjedi mhux semplici diffikulta' izda impossibilita' li wiehed jaqdi jew jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita' jew impossibilita' vera f'dan il-kuntest hi possibbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja li, indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp tal-psikjatriku jew tal-psikologija, taffettwa sostanzjalment il-kapacita' *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita' di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale,"* jghid ***Bersini,*** *"rende*

*la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi ... ... che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrizione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. Cit., p. 99). Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltja dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obbligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children, and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li z-zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".* Ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta fformula dan l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp guriprudenzjali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cioe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. In fatti, jekk wiehed jara' l-inciz (2) tal-kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-Kap. 255, wiehed issib li dan l-inciz hu kwazi dentiku ghall-Ligi taghna:-

*"At si alteruta vel utrague pars positivo voluntais actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprrietatem, invalide contrhit".*

Illi kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J. F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio -** *Roma,* 1992):

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della 'totalita" matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo 'parzialmente', vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad esentialme aliquam proppriietatem. Ad ogni mod, si tratti della esclusione totale o della esclusione parzilae, per quanto riguarda l' effetto sulla validita' del matrimonio, non c' e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue i casi e' sempere invalido"* (op.cit.p.382).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi f'dan il-kaz, minkejja li l-partijiet ftit li xejn tellghu xhieda ohra biex jikkonfermaw dak li qed jghidu, il-Qorti temmen li ma hemm l-ebda dubbju ragjonevoli dwar il-kredibilita' tal-partijiet. Hemm qbil sostanzali fix-xhieda li taw u dawn huma wkoll sostanzjalment ikkonfermati mix-xhud it-tabib, Dr. "C".

Illi premess dan kollu, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina dak li jirrizulta mill-provi; fejn l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg taghha *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a)** peress illi l-kunsens taghha kien inkiseb minhabba biza'.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Dicembru 1983 sena biss wara li kienu bdew johorgu flimkien u dan minhabba li l-attrici harget tqila. L-attrici kienet ghada minorenni, tifla timida b'genituri deskritti bhala *"stretti hafna"* u ma' dan jinghad li kienet ghada kemm giet tghix Malta u ghalhekk ma kelliex hbieb hlief ghall-konvenut, ma' min kienet laqqatha l-kugina taghha.

Illi l-konvenut mill-banda l-ohra minkejja li kellu ftit snin aktar minnha kien iffissat *f'olympic restling* u hajtu kienet

tirrivolvi ma' dwar dan l-isport tant li ftit li xejn kellu hbieb u l-attrici kienet l-ewwel tfajla tieghu.

Illi minkejja dan kollu l-partijiet jidher li kellhom relazzjoni intimi u minhabba dan l-attrici harget tqila u r-reazzjoni ta' l-attrici ghal dan kienet wahda ta' biza' *"mir-reazzjoni tal-genituri tieghi".*

Illi fil-fatt hija tixhed li *"meta hrigt tqila kien "B" li mar biex jara t-test tal-gravidanza ghaliex jiena ma kontx ridt nuri lil tal-familja tieghi ghax bzajt mir-reazzjoni taghhom. Meta sirt naf hadtha bi kbira ghaliex kont ghadni zghira u bzajt mir-reazzjoni tal-genituri tieghi". "Jiena dak inhar ma kellix il-kuragg li nghid il-genituri tieghi".*

Illi fil-fatt ir-reazzjoni tal-genituri ta' l-attrici kienet li *"bdew jghajtu u jirrabbjaw kemm mieghi kif ukoll ma' "B"."* Ghall-ewwel kienu determinati li l-attrici ma jkolliex it-tarbija – fil-fatt gieghlu lil "B" imur jixtri flixkun gin *"I was told that I would be put in prison and be accused of defiling a minor".* Meta rrifjuta li jmur jixtri l-gin *"they gave me a choice either to get the gin from Elia or the police".* Lill-attrici gieghluha tixrob *"il-flixkun shih tal-gin tal-1.5 litres". "Rizultat ta' dan kien li jiena kont barra minn sensijja ghal tlett ijiem shah, izda t-tarbija ma tliftiex".*

Meta raw dan, gabu t-tabib tal-familja, "Dr C" biex jaraw jekk setghux isiefru lill-attrici sabiex ssir abbort, izda t-tabib qalilhom li kien tard wisq biex tigi operata. Dan stqarritu l-attrici u gie kkonfermat, kemm mill-konvenut kif ukoll mit-tabib Bartolo stess u dan kollu wkoll kif jirrizulta mir-rapport tal-brava perit legali.

Illi dwar dan l-aspett l-konvenut jghid *"they refused even to consider the idea of a baby out of wedlock, and this even after an offer by members of the local Catholic church to send Marina to Gozo for discretion's sake".* Meta raw li l-abbort ma setghax isir, allura ddeciedew li *"ma kienx hemm triq ohra hlief li nizzewgu malajr u fil-fatt izzewwigna fi zmien gimghatejn" "Minn dak il-mument il-genituri tieghi ma hallewnix inkompli nippjana t-tieg tieghi u hadu d-decizjonijiet kollha huma". "… fil-preparamenti*

*taz-zwieg kemm jien u kemm "B" konna eskluzi fl-aktar mod assolut, tant li bhal ezempju niftakar li l-libsa tat-tieg tieghi nxtrat mill-mama minghajr ma jien kont naf u bl-ghan biss li d-drapp taghha jista' jintuza ghall-kot tat-tarbija".* L-attrici fil-fatt tiddikjara fl-aktar mod car illi *"fil-gurnata tat-tieg nghid ghalija li ma hassejtx li konna lesti ghaz-zwieg u hassejt li konna mgieghla mill-pressjoni tal-genituri u tas-sitwazzjoni li konna ninsabu fiha".*

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali fuq dan il-punt fejn jirrizulta li dawn il-fatti kif spjegati jinkwadraw ruhhom fl-ambitu tal-ligi fil-kuntest ta' l-**artikolu 19 (1) (a).** Din il-Qorti thoss li l-attrici giet effettivament soggetta ghall-vjolenza morali mill-genituri taghha u li kieku ma kienx ghall-insistenza taghhom, li hadu s-sitwazzjoni f'idejhom, u lill-istess attrici mhux talli ma hallewiex tizzewweg f'mod liberu, izda eskludew lilha minn kull element ta' ghazla u jirrizulta li d-decizzjoni li jsir iz-zwieg saret minnhom u mhux mill-attrici u lanqas mill-partijiet.

Illi fil-fatt il-perit legali taht dan l-aspett tghid li l-genituri hadu d-decizjoni ta' zwieg "*minn flokha u kontra l-volonta' taghha u l-attrici li kienet ghada tifla timida, ta' eta' vulnerabbli u fi stat vulnerabbli, ma setghetx hlief tkun sottomessa ghall-ordni tal-genituri taghha".* B'hekk l-azzjoni attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a)** u dan ghandu jigi kkunsidrat anke fl-ambitu tal-posizzjoni li l-istess attrici sabet ruhha fiha tqila kif kienet.

Illi mill-banda l-ohra din il-Qorti thoss illi mill-istess provi jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)**. Fil-fatt kif jispjega it-tabib **Dr. "C"** fuq il-komportament tal-konvenut dan jghid li *"my impression of "B" was that he was a rather unstable person".* Fil-fatt l-istess konvenut jammetti li huwa kien taht l-influenza ta' *"capisan amphetamine drugs".*

Illi l-attrici tispjega li t-tabib iddiskriva din id-drog bhala *"a character changing drug".* Il-konvenut jghid *"I was also using low dosage steroids. Even at this stage the intake of drugs was making me very nervous and I was*

*sometimes having problems controlling my alternating feelings (mood swings) between anger and depression".*

Illi l-istess konvenut jiddiskrivi l-istat tieghu fil-bidu taz-zwieg bhala *"I can only describe my feelings as being very unhappy. I started to have unreasonable tantrums. Every day I made a scene, it was about bread or the vegetables or any other reason. I can only say that I really dislike being married. Also the use of amphetamines was not helpful at all. It got so bad that during one tantrum, I picked up a gas cooker and literally threw it across the living room".* Jispjega wkoll li *"at every opportunity I was unfaithful".* Juri kemm il-problema kienet gejja minn go fih meta jispjega li *"I have always realized that she was really in love with me, the problem was within me. I simply could not find any feelings no matter how hard I tried".*

Illi l-istess konvenut jaccentwa li *"it is to be clear that Marina kept a clean house and was an excellent mother. She did try to compensate for my lack of feelings by giving extra conforts and super care … … … but it was no use".* Mhux ta' b'xejn li aktar m'ghadda z-zmien aktar is-sitwazzjoni saret aghar. Il-konvenut hass li ma setghax ilahhaq bit-tenzjoni fuq ix-xoghol u fid-dar. F'dak iz-zmien huwa qaleb ghar-religjon Musulmana u eventwalment mar jghix ma' mara Tunesina. Kellu x' jaqsam ukoll mal-puluzija. Fl-ahhar jghid *"under all this pressure I began to break down mentally. It got so bad that during one fight I declared that I would end my life. I was very sincere about my intention to commit suicide and in fact I attempted to do so on that very same day by taking an overdose of tablets. I was very lucky a common friend and ex-employee of the company, saved my life".*

Illi ghaldaqstant il-Qorti thoss illi l-konvenut ma kienx fil-pussess komplet tal-fakultajiet kritiko-estimativi tieghu sabiex jevalwa u jqis x' inhu z-zwieg u d-dmirijiet u drittijiet li jgib mieghu l-istess zwieg, tant li fil-fatt huwa qatt ma kien kapaci jwettaq id-dmirijiet tieghu f' dan iz-zwieg. F'dan kollu jinghad li huwa car li l-konvenut izzewweg lill-attrici biss ghaliex l-istess harget tqila u certament li kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u

fuq l-elementi essenzjali taghha u fil-verita’ kien affettwat minn anomalija psikologika serja li rrenditu inkapaci li jifhem u josserva l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi din il-Qorti taqbel mal-perit legali li ghalkemm l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg taghha wkoll skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (f)** u dan ghaliex l-attrici allegat li l-kunsens taghha inkiseb *“bl-eskluzzjoni tal-hajja mizzewga”,* dan ma jirrizultax. Mill-provi jirrizulta li l-attrici mhux talli ma eskludiet ebda wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, anzi minkejja l-eta’ zghira taghha u c-cirkostanzi difficli li kienet fihom, kif qal il-konvenut stess fix-xhieda tieghu, Marina ghamlet minn kollox biex iz-zwieg taghha jirnexxi, sahansitra kienet tipprova tikkumpensa ghan-nuqqasijiet tieghu u *“she was an excellent mother”.* Ghalhekk il-Qorti ma thossx li l-kaz in ezami jidhol jew jista’ b’xi mod jaqa’ taht is-subinciz da parti ta’ l-attrici.

Illi ghalhekk *in vista* ta’ dawn ir-rizultanzi, l-Qorti tiddeciedi li z-zwieg bejn il-konjugi “A+B” li gie ccelebrat fl-4 ta’ Dicembru 1983 ghandu jigi ddikjarat null minhabba li l-kunsens ta’ l-attrici kien ivvizzjat *stante* illi nkiseb bi vjolenza morali u kien rizultat ta’ biza’ da parti ta’ l-attrici u l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja *da parte* ta’ l-istess konvenut li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan fejn l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b’ dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-4 ta’ Dicembru 1983 huwa null u bla effett legali u dan ghaliex il-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat

abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** filwaqt li dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------